A.L. 271 ta' l-2003

ATT DWAR IL-KUMPANNIJI
(KAP. 386)

Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kumpanniji (Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 425 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji, il-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kumpanniji (Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku), u għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Mejju 2004.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtiegx xort'oħra:-

"Att" tfisser l-Att dwar il-Kumpanniji;

"EEIG" jew "grupp" tfisser grupp imsejjaħ Grupp Ewropew b'Interess Ekonomiku li jkun iffurmat skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti;

"korp ġuridiku" tfisser kull entità li għandha personalità legali distinta minn dik tal-membri tagħha;

"kuntratt" tfisser il-kuntratt għall-formazzjoni ta' EEIG;

"Qorti" tfisser il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

"Regolament tal-KE" tfisser ir-Regolament tal-Kunsill tal-Komunità Ewropea dwar il-Gruppi Ewropej b'Interess Ekonomiku, pubblikati bir-Regolament tal-KE 2137/85;

"Stat Membru" tfisser stat membru tal-Komunità Ewropea;

"uffiċjal", dwar EEIG, tinkludi *manager*, jew kull persuna msemmija bħala uffiċjal fil-kuntratt ta' l-EEIG.

Formazzjoni ta' EEIG.

3. (1) EEIG tista' tkun iffurmata minn gruppi jew assoċ jazzjonijiet li jikkonsistu f'mhux inqas minn żewġ persuni u mhux iktar minn għoxrin, bil-għan li jkunu faċilitati jew żviluppati l-attivitajiet ekonomiċi tal-membri tagħhom, jew sabiex jittejbu jew jiżdiedu l-profitti jew benefiċċji ta' dawk l-attivitajiet.

(2) L-attivitajiet ta' EEIG għandhom ikunu relatati biss ma' l-attivitajiet ekonomiċi tal-membri tagħha u ma' attivitajiet anċillari għalihom.

(3) Grupp ma għandux -

(a) jeżerċita, la direttament u lanqas indirettament, xi setgħa ta' amministrazzjoni jew sorveljanza ta' l-attivitajiet tal-membri tiegħu stess jew ta' l-attivitajiet ta' xi impriża ohra;

(b) direttament jew indirettament, b'xi mod li jkun, iżżomm azzjonijiet f'xi impriża ta' membru:

Iżda jkunu jistgħu jinżammu azzjonijiet meta dan ikun meħtieg sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-grupp u jekk dan isir f'isem il-membri tiegħu;

(ċ) jimpjega iżjed minn 500 persuna;

(d) ikun membru ta' EEIG oħra.

(4) EEIG għandu jkollha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membri tagħha u malli ssir ir-reġistrazzjoni tagħha għandha tkun soġġetta għall-obbligazzjonijiet, tkun tista' tagħmel kuntratti jew atti legali oħra u tħarrek u tiġi mħarrka.

Kostituzzjoni ta' EEIG.

4. (1) Dawn li ġejjin biss jistgħu jkunu membri ta' grupp :-

(a) kumpanniji u korpi ġuridiċi oħra li jkunu ġew kostitwiti jew inkorporati skond il-liġi ta' Stat Membru u li jkollhom l-uffiċċju reġistrat jew statutorju tagħhom u l-amministrazzjoni ċentrali fi Stat Membru;

(b) persuni naturali li jkunu qed imexxu xi attività industrijali, kummerċjali, artiġjanali jew agrikola jew li jipprovdu servizzi professjonali jew servizzi oħra fl-Unjoni Ewropea.

(2) Grupp ikun magħmul mill-inqas minn:

(a) żewġ kumpanniji jew korpi ġuridiċi oħra skond kif imfisser fil- paragrafu (a) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament li jkollhom l-amministrazzjonijiet ċentrali tagħhom fi Stati Membri differenti; jew

(b) żewġ persuni naturali skond kif imfisser fis-sub-paragrafu (b) tal-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament li jmexxu l-attivitajiet prinċipali tagħhom fi Stati Membri differenti; jew

(ċ) kumpannija jew korp ġuridiku ieħor u persuna naturali, it-tnejn kif imfisser fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, li minnhom ta' l-ewwel ikollha l-amministrazzjoni ċentrali tagħha fi Stat Membru wieħed u t-tieni tkun tmexxi l-attività prinċipali tagħha fi Stat Membru ieħor.

Wiri ta' partikolaritajiet f'ittri kummerċjali, eċċ.

5. (1) Fuq l-ittri kummerċjali u l-formoli ta' l-ordnijiet kollha tagħha EEIG għandha ssemmi f'ittri leġibbli l-isem tagħha, il-pajjiż fejn ikun reġistrat il-grupp, flimkien man-numru tar-reġistrazzjoni tagħha, l-indirizz uffiċjali tagħha, jekk il-*managers* tal-grupp ikunux meħtieġa jaġixxu solidalment, u, meta dan ikun applikabbli, il-fatt li l-grupp ikun qed jiġi stralċat.

(2) Fuq l-ittri kummerċjali u l-formoli ta' l-ordnijiet tagħha kollha, EEIG reġistrata skond id-disposizzjoniet tar-regolament 23 ta' dawn ir-regolamenti għandha, b'żieda mal-ħtiġiet tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, tati wkoll f'ittri leġibbli l-partikolaritajiet dwar ir-reġistrazzjoni tagħha stess.

(3) Jekk jonqsu milli jitħarsu d-disposizzjonijiet tas-subregolamenti (1) jew (2) ta' dan ir-regolament, kull uffiċjal tal-grupp jista' jeħel il-penali stabblita taħt l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Kif tkun kostitwita EEIG.

6. Grupp li jkollu l-indirizz uffiċjali tiegħu f'Malta ma jkunx kostitwit b'mod validu taħt dawn ir-regolamenti kemm-il darba ma jkunx sar kuntratt bejn il-partijiet li jkun bi ħsiebhom jiffurmaw grupp u dak il-kuntratt ġie ppreżentat lir-Registratur għar-reġistrazzjoni.

Kontenut ta' kuntratt għall-formazzjoni ta' EEIG.

7. (1) Kuntratt għall-formazzjoni ta' EEIG għandu jinkludi dan li ġej:-

(a) l-isem tal-grupp preċedut jew segwit bil-kliem "Grupp b'Interess Ekonomiku Ewropew" jew bl-ittri "EEIG", ħlief meta dawk il-kliem ikunu diġa' jifformaw parti mill-isem;

(b) l-indirizz uffiċjali tal-grupp;

(ċ) l-għanijiet li għalihom ikun iffurmat il-grupp;

(d) l-isem, il-forma legali, l-indirizz permanenti jew l-uffiċċju reġistrat, u n-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tar-reġistrazzjoni, jekk ikun il-każ, ta' kull membru tal-grupp;

(e) iż-żmien stabbilit biex il-grupp jibqa' fis-seħħ, jekk ikun il-każ.

(2) Il-kuntratt għall-formazzjoni ta' EEIG għandu jiġi ppreżentat għar-reġistrazzjoni lir-Reġistratur li, meta jkun sodisfatt li jkun iħares il-ħtiġiet ta' dawn ir-regolamenti dwar reġistrazzjoni u ħwejjeġ oħra relattivi preċedenti u inċidentali, għandu jirreġistrah.

Dokumenti ohra.

8. (1) Barra mill-kuntratt għall-formazzjoni, id-dokumenti u l-partikolaritajiet li ġejjin għandhom ikunu wkoll konsenjati lir-Reġistratur biex jiġu reġistrati fi żmien erbatax-il jum minn meta dawn isiru:-

(a) kull emenda għall-kuntratt, inkluż kull tibdil fil-kompożizzjoni tal-grupp;

(b) avviż tal-ftuħ jew l-għeluq ta' xi stabbiliment tal-grupp;

(ċ) avviż li membru jkun assenja l-parteċipazzjoni tiegħu fi grupp jew parti minnu, skond ir-regolament 13 ta' dawn ir-regolamenti;

(d) kull deċiżjoni dwar ix-xoljiment u l-istralċ ta' grupp;

(e) avviż tal-ħatra ta' stralċjarju ta' grupp li jkun jinkludi l-isem, l-indirizz residenzjali, in-nazzjonalità u l-mezz ufficjali ta' identifikazzjoni tiegħu;

(f) avviż tat-tmiem tal-ħatra tal-istralċarju;

(g) avviż tat-tmiem ta' l-istralċ tal-grupp;

(h) kull proposta għat-trasferiment ta' l-indirizz uffiċjali, skond ir-regolament 10 ta' dawn ir-regolamenti;

(i) kull klawżola li teżenta membru ġdid mir-responsabbilta' għall-obligazzjonijiet tal-grupp li tinħoloq qabel ma jidħol membru, skond ir-regolament 15 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Jekk id-dispożizzjonijiet tar-regolament 7 u tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ma jitħarsux, kull uffiċjal tal-

grupp li jkun naqas jista jeħel il-piena u l-piena addizzjonali għal kull jum li matulu jkompli dak in-nuqqas li hemm stabbiliti fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Dmirijiet tar-Reġistratur u effett tar-reġistrazzjoni.

9. (1) Malli ssir ir-reġistrazzjoni ta' EEIG u l-ħlas tad-dritt preskritt, ir-Reġistratur għandu jiċċertifika bil-firma tiegħu li l-EEIG tkun ġiet reġistrata u għandha tingħata d-data tar-reġistrazzjoni.

(2) Ċertifikat ta' reġistrazzjoni mogħti dwar EEIG taħt dan ir-regolament ikun prova konklużiva li l-ħtigiet ta' dawn ir-regolamenti dwar reġistrazzjoni u l-ħwejjeġ preċedenti u inċidentali relattivi jkunu tħarsu, u li l-EEIG tkun organizzazzjoni awtorizzata li tkun reġistrata, u li tkun reġistrata b'mod xieraq taħt dawn ir-regolamenti.

(3) Il-persuni kollha li jkunu qed imexxu attivitajiet jew jagħmlu xi ftehim f'isem jew għan-nom tal-grupp li dwaru ma jkunx inħareġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni għandhom, sakemm il-grupp wara r-reġistrazzjoni tiegħu ma jassumix l-obbligazzjonijiet li jinħolqu minn dawk l-attivitajiet, ikunu responsabbli personalment u *in solidum* għal dak kollu li jkunu għamlu ma' terzi fil-kariga msemmija.

Trasferiment ta' indirizz uffiċjali.

10. (1) Meta t-trasferiment ta' l-indirizz uffiċjali ta' EEIG reġistrata f'Malta jirriżulta f'bidla tal-liġi applikabbli kif provdut fl-artikolu 2 tar-Regolament tal-KE, għandha ssir proposta għal trasferiment li tiġi ppreżentata lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni u tiġi ppubblikata kif imiss.

(2) Id-deċiżjoni għat-trasferiment għandha tittieħed wara li jgħaddu xahrejn mill-pubblikazzjoni tal-proposta. Dik id-deċiżjoni tkun tinħtieg il-kunsens unanimu tal-membri tal-grupp. It-trasferiment isir effettiv fid-data li fiha jkun reġistrat l-indirizz uffiċjali l-ġdid tal-grupp.

(3) Malli tkun ippreżentata lir-Reġistratur prova li l-grupp ikun ġie reġistrat fl-indirizz uffiċjali l-ġdid tiegħu, tibda sseħħ it-terminazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-grupp mar-Reġistratur.

Responsabbiltà tal-membri.

11. EEIG ikollha l-obbligazzjonijiet tagħha jkunu garantiti bir-responsabbilta' mhux limitata u *in solidum* tal-membri tagħha:

Iżda ma tittieħed ebda azzjoni kontra l-membri kemm -il darba ma tkunx l-ewwel ġiet diskussa l-proprjeta' tal-grupp.

Voti tal-membri.

12. (1) Kull membru ta' EEIG ikollu d-dritt għal-vot wieħed kemm-il darba l-kuntratt għal-formazzjoni tal-grupp ma jipprovdix li ċ erti membri jkollhom iktar minn vot wieħed:

Iżda ebda membru ma għandu jkollu maġġoranza tal-voti.

(2) Tkun meħtieġa deċiżjoni unanima tal-grupp sabiex:-

(a) jinbidlu l-għanijiet tal-grupp;

(b) jinbidel l-għadd ta' voti mogħti lil kull membru;

(ċ) jinbidel il-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet;

(d) jitwal iż-żmien li għalih ikun stabbilit il-grupp fil-kuntratt;

(e) tinbidel il-kontribuzzjoni ta' kull membru għall-finanzjament tal-grupp;

(f) tinbidel xi obbligazzjoni oħra ta' membru, kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra bil-kuntratt;

(g) isir xi tibdil għall-kuntratt tal-grupp li ma jkunx kopert b'dan il-paragrafu, kemm-il darba dak il-kuntratt ma jipprovdix xort'oħra.

Assenjazzjoni ta' parteċipazzjoni.

13. Bla ħsara għal li jingħata l-kunsens unanimu tal-membri l-oħra, kull membru ta' grupp jista' jassenja l-parteċipazzjoni tiegħu, jew proporzjon minnha, jew lil membru ieħor jew lil terza persuna.

Parteċipazzjoni bħala garanzija.

14. Kemm -il darba ma jkunx provdut xort'oħra fil-kuntratt, membru tal-grupp jista' juża l-parteċipazzjoni tiegħu bħala garanzija biss wara li jkun inkiseb il-kunsens unanimu tal-membri l-oħra:

Iżda d-detentur tal-garanzija ma għandu f'ebda żmien isir membru tal-grupp bis-saħħa ta' dik il-garanzija.

Membri ġodda.

15. (1) Deċiżjoni biex jidħlu membri ġodda fi grupp teħtieġ il-kunsens unanimu tal-membri tal-grupp.

(2) Meta persuna ssir membru ta' grupp li jkun diġa' jeżisti, din issir responsabbli għall-obbligazzjonijiet kollha tal-grupp ukoll jekk dawn ikunu saru qabel id-data li fiha ssir membru.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, membru ġdid jista' jiġi eżentat mir-responsabbiltà, bil-kuntratt jew bid-dokument tad-dħul tiegħu, mill-obbligazzjonijiet tal-grupp li jkun oriġina qabel id-dħul tiegħu.

Irtir ta' membru.

16. (1) Membru ta' grupp jista' jirtira skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-kuntratt jew, fin-nuqqas ta' dawk il-kondizzjonijiet, bil-kunsens unanimu tal-membri l-oħra.

(2) Kull membru jista', b'żieda ma' dan, jirtira għal raġunijiet ġusti u xierqa.

Tkeċċija ta' membru.

17. (1) Kull membru jista' jitkeċċa mill-grupp -

(a) jekk jikkommetti ksur serju ta' dmirijietu bħala membru;

(b) jekk joħloq jew jhedded li joħloq xkiel fl-attivitajiet tal-grupp;

(ċ) f'dawk il-każijiet l-oħra li jiġi provdut dwarhom fil-kuntratt tal-formazzjoni tal-grupp.

(2) Kemm-il darba l-kuntratt ma jipprovdix xort'oħra, dik it-tkeċċija tista' ssir biss b'deċiżjoni tal-qorti li lilha jkun sar rikors konġunt mill-maġġoranza tal-membri l-oħra.

Persuna ma tibqax membru.

18. (1) B'żieda mad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 16 u 17 ta' dawn ir-regolamenti, persuna lanqas ma tibqa' membru ta' grupp jekk tiġri xi waġa minn dawn:-

(a) ma jitħarsux id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) tar-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti;

(b) jekk persuna naturali, għax din tfalli, tmut jew issir legalment inkapaċi;

(ċ) malli kumpannija jew korp ġuridiku ieħor ixolju .

Managers ta' EEIG.

19. (1) EEIG titmexxa minn persuna waħda jew iżjed u meta l-persuna li tkun qed tmexxi EEIG tkun korp ġuridiku, dak il-korp ġuridiku jista' jaħtar persuna waħda naturali jew iżjed biex tirrapreżentah.

(2) Kull persuna naturali maħtura biex tirrappreżenta korp ġuridiku bħala manager ta' EEIG tkun soġġetta għall-istess responsabbiltajiet daqslikieku kienet manager.

(3) Il-kuntratt jew, meta ma jkunx speċifikament fih provdut, deċiżjoni tal-membri ta' grupp għandha tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-ħatra u t-tneħħija tal-manager flimkien mas-setgħat li jkollu.

(4) Sakemm il-kuntratt ma jipprovdix li grupp ikun marbut b'mod validu biss minn żewġ *managers* jew iktar li jaġixxu flimkien, ir-rappreżentanza ta' grupp tkun vestita f'kull wieħed minn dawk il-*managers* individwalment.

(5) Għemil magħmul minn *manager* tal-grupp għandu jorbot lill-grupp dwar terzi, minkejja li dak l-għemil ma jkunx jilħaql-għanijiet tal-grupp.

(6) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subregolament (5) ta' dan ir-regolament, il-grupp ma jkunx marbut b'għemil li ma jkunx jilħaq l-għanijiet tiegħu jekk iġib prova li terzi kienu jafu li dan ma jkunx jilħaql-għanijiet tal-grupp jew li fiċ-ċirkostanzi kien hemm terzi li ma setgħux ma jkunux jafu b'dan:

Iżda l-pubblikazzjoni tal-kuntratt waħedha ma tkunx prova biżżejjed li t-terzi kienu jafu jew ma setgħux ma jkunux jafu li l-għemil ma kienx jilħaql-għanijiet tal-grupp.

(7) Ebda limitazzjoni tas-setgħat ta' xi *manager* tal-grupp ma tista' tintuża dwar terzi indipendentement minn jekk dik il-limitazzjoni, pubblikata jew le, tkunx toħroġ mill-kuntratt jew minn deċiżjoni tal-membri tal-grupp.

Prospett dwar it-tibdil fost il-*managers* ta' EEIG.

20. (1) Għandu jiġi ppreżentat lir-Reġistratur sabiex jiġi reġistrat prospett ta' kull tibdil fost il-*managers* ta' grupp, li jkun jispeċifika d-data tat-tibdil, flimkien ma' l-isem u l-indirizz u, fil-każ ta' korp ġuridiku, l-uffiċċju prinċipali jew reġistrat tiegħu, fi żmien erbatax-il jum mit-tibdil. Fil-każ ta' ħatra ta' *manager*, il-prospett għandu wkoll juri jekk il-persuna tkunx awtorizzata li taġixxi waħedha jew flimkien ma' xi *manager* ieħor.

(2) Jekk id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ma jiġux imħarsa, kull uffiċjal tal-grupp li jkun naqas jista' jeħel il-piena u l-piena addizzjonali għal kull jum li matulu jkompli dak in-nuqqas li huma kif stabbiliti fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Spezzjoni ta' *records*.

21. Kull membru tal-grupp ikollu l-jedd li jikseb tagħrif mingħand il-*manager* dwar ix-xogħol tal-grupp u li jispezzjona l-kotba u r-*records* tan-negozju tal-grupp.

Profitti minn attivitajiet tal-grupp.

22. (1) Il-profitti li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' grupp għandhom jitqiesu li huma l-profitti tal-membri u għandhom jinqasmu bejniethom fil-proporzjon stabbilit fil-kuntratt jew, jekk ma jkunx hemm tali provvediment, f'sehmijiet indaqs.

(2) Il-membri ta' grupp għandhom jikkontribwixxu għall-ħlas ta' l-ammont li bih l-infieq jeċċedi d-dħul fil-proporzjon stabbilit fil-kuntratt jew, jekk ma jkunx hemm tali provvediment, f'sehmijiet indaqs.

Reġistrazzjoni u twaqqif ta' EEIG li l-indirizz uffiċjali tagħha jkun barra minn Malta.

23. (1) Kull stabbiliment ta' EEIG sitwat f'Malta iżda li jkollu l-indirizz uffiċjali tiegħu fi Stat Membru ieħor għandu jikkonsenja, lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, fi żmien xahar minn meta dak l-istabbiliment hekk jiġi sitwat f'Malta, kopja ċertifikata tal-kuntratt flimkien ma' traduzzjoni ċertifikata bl-Ingliż tal-kuntratt u dokument u partikolaritajiet oħra li għandhom ikunu ppreżentati skond dawn ir-regolamenti, jekk il-kuntratt u d-dokumenti u partikolaritajiet oħra, jew parti minnhom, ma jkunux bl-Ingliż.

(2) Ir-Reġistratur ma għandux jirreġistra stabbiliment ta' EEIG taħt dan ir-regolament jekk ma jkunx sodisfatt li l-ħtiġijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti dwar reġistrazzjoni u li jkunu tħarsu ħwejjeg preċedenti u inċidentali relattivi.

(3) Bla ħsara għals-subregolament (3) ta' dan ir-regolament, ir-Reġistratur għandu jżomm kopja tal-kuntratt u ta' kull traduzzjoni ċertifikata li tkun ġiet ippreżentata lilu skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament u jirreġistra l-istabbiliment ta' l-EEIG.

(4) Jekk id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament ma jitħarsux, kull uffiċjal tal-grupp li jonqos jista' jeħel il-piena u l-piena addizzjonali għal kull jum li matulu jkompli dak in-nuqqas u li hemm stabbiliti fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Penalitajiet amministrattivi dwar EEIG.

24. (1) Meta xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti tkun tipprovdi għall-impożizzjoni ta' xi penali kif stabbilita fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, l-ammont ta' dik il-penali għandu jiġi stabbilit b'riferenza għal dik l-Iskeda, li tispeċifika l-penali massima li tista' tiġi imposta mir-Reġistratur għal nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjoni relevanti.

(2) L-ewwel kolonna ta' l-imsemmija Skeda turi d-disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti li timponi penali, it-tieni kolonna tati deskrizzjoni ġenerali tan-nuqqas, liema deskrizzjoni ma għandhiex tkun il-bażi ta' l-interpretazzjoni ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, it-tielet kolonna tistabbilixxi l-penali massima u r-raba' kolonna tistabbilixxi l-penali massima għal kull jum ta' nuqqas, jekk dan ikun il-każ. Il-penali tkun dovuta fil-jum li fih jiġri dak in-nuqqas u l-penali ta' kuljum tkun dovuta għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas u jibda jgħodd mill-jum li jiġi wara dak li fih isir in-nuqqas.

(3) Azzjoni mir-Reġistratur għall-ġbir ta' penali taħt dawn ir-regolamenti tkun preskritta malli jgħaddu ħames snin mill-jum meta jsir in-nuqqas.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 401 ta' l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* dwar penalitajiet ammistrattivi taħt dawn ir-regolamenti.

Applikabbiltà ta' ċerti disposizzjonijiet ta' l-Att.

25. Ħlief safejn dan ma jkunx konsistenti mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew tar-Regolament tal-KE, it-Titlu II tal-Kapitolu V ta' l-Att għandu japplika għal kull EEIG, u għall-istabbilimenti tagħhom reġistrati taħt l-Att u daqslikieku kull riferenza għal direttur kienet tinkludi riferenza għal *manager* ta' l-EEIG u kull persuna oħra li jkollha jew li kellha l-kontroll jew it-tmexxija tax-xogħol ta' l-EEIG.

Spezzjoni ta' dokumenti.

26. Kull persuna jkollha l-jedd li -

(a) tispezzjona kull dokument jew partikolarità miżmuma mir-Reġistratur taħt dawn ir-regolamenti jew kopja tagħhom; u

(b) titlob lir-Reġistratur biex jipprovdi kopji, inklużi kopji ċertifikati, ta' kull dokument jew partikolarità bħal dawk, jew parti minnhom, malli jsir il-ħlas tad-dritt preskritt taħt l-Att.

Pubblikazzjoni ta' dokumenti.

27. (1) Ir-Reġistratur għandu jieħu ħsieb li jkunu pubblikati fil-Gażżetta -

(a) il-partikolaritajiet li għandhom ikunu inklużi fil-kuntratt għall-formazzjoni ta' grupp, skond dawn ir-regolamenti, u kull emenda li ssirilhom;

(b) in-numru, id-data u l-post ta' reġistrazzjoni kif ukoll l-avviż tat-terminazzjoni tal-grupp;

(ċ) fil-każ tad-dokumenti u l-partikolaritajiet imsemmija filparagrafi minn (b) sa (i) tas-subregolament (1) tar-regolament 8 ta' dawn ir-regolamenti, avviż fejn jingħata l-isem ta' l-EEIG, id-deskrizzjoni tad-dokumenti u l-partikolaritajiet u d-data meta kienu riċevuti.

(2) Ir-Reġistratur għandu wkoll jibgħat lill-Uffiċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Kommunità Ewropea avviż tal-formazzjoni jew tax-xoljiment ta' grupp, flimkien man-numru tiegħu u d-data u l-post tar-reġistrazzjoni tiegħu, fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni tad-dokumenti u partikolaritajiet rilevanti fil-Gazzetta.